# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 19 ta' Frar tas-sena 2002.**

**Numru 12**

**Avviz numru 170/99/SM**

**Topserv Limited**

**vs**

**Edwin Vella**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat il-5 ta' Frar ta' l-1999 li permezz tieghu s-socjeta' attrici sejhet lill-konvenut biex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:**

1. **Irodd lura lil Topserv Ltd l-ammont ta' sitt mija wiehed u sebghin Lira u tletin centezmi (LM671.30,0), liema ammont huwa hlas zejjed li Topserv Ltd hallsu bil-quddiem lill-konvenut ghal xoghol elettriku li l-konvenut beda fil-Melbourne Garage Hal-Qormi, izda li ma lestiex;**

2. **Bl-ispejjez, inkluzi tal-ittri bonarji tal-24. 8. 1998, 5.10.1998 u 3.11.1998, u bl-imghax legali mill-24.8.1998 kontra l-konvenut li jibqa minn issa ngunt ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata t-18 ta' Gunju ta' l-1999 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti:**

1. **Illi l-konvenut ma ghandu jghati xejn lis-socjeta' attrici u dan stante li kienet is-socjeta' attrici li unilateralment kisret il-kundizzjonijiet tal-kuntratt billi bdiet tvarja dak li kien mifthiem bejn il-partijiet u li ghalhekk esponiet lill-istess konvenut ghal danni u telf ta' qliegh li komplessivament jammonta ghal disa' mija u tlett liri u tnax-il centezmu Maltin (LM903.12,0);**

2. **Illi bla pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni l-ammont mitlub mis-socjeta' attrici huwa eccessiv u ma jirriflettix il-bill of quantities li kienu qablu fuqhom il-partijiet;**

3. **Salv eccezzjonijiet ohra;**

**Rat wkoll il-kontro-talba tal-konvenut datata t-18 ta' Gunju ta' l-1999 li permezz taghha ppremetta u sejjah lill-attur biex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat minn din il-qorti:**

**Peress illi s-socjeta' Topserv Limited u l-attur fil-kontro talba, Edwin Vella ghamlu kuntratt ta' appalt ghall-istallazzjoni ta' elettriku fil-Melbourne Garage, Qormi;**

**Peress illi s-socjeta' konvenuta fil-kontro-talba unilateralment kisret il-kundizzjonijiet tal-ftehim b'danni u tlef ta' qliegh kontra l-attur rikonvenzjonat;**

**Peress illi minhabba l-inadempjenza tas-socjeta' Topserv Limited li ma onorat il-ftehim u li ghalhekk gie abbandunnat, din l-inadempjenza kkawzat telf ta' qliegh lill-istess Edwin Vella fl-ammont ta' disa' mija u tlett liri Maltin u tnax-il centezmu, (LM903.12,0);**

**Ihallas lill-attur f'din il-kontro talba, Edwin Vella, l-ammont ta' disa' mija u tlett liri Maltin u tnax-il centezmu (LM903.12,0) bhala danni ta' telf ta' qliegh kkawzat mix-xoljiment tal-kuntratt ta' appalt fuq stallazzjoni ta' elettriku wara li dan l-istess fethim ma giex onorat mis-socjeta' Topserv Limited;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' attrici datata l-1 ta' Lulju ta' l-1999 li permezz taghha eccepiet is-segwenti:**

1. **Illi l-kuntratt iffirmat bejn il-kontendenti jikkontempla li jsiru variation orders. (Dok. A). U dan appuntu ghaliex f'dan it-tip ta' kuntratt ta' spiss tirrizulta l-htiega ta' tibdiliet waqt il-kors tax-xoghol;**

2. **Illi t-tibdiliet u l-bills of quantities u rati godda relativi gew mifthema mal-attur u accettati minnu;**

3. **Kien l-attur li unilateralment kiser il-kuntratt u ghalkemm kien thallas minn qabel abbanduna x-xoghol minghajr ebda raguni valida, u dan jidher mill-kopji ta' korrispondenza annessi (Dokumenti B,C,D,E,F,G). Ghalhekk it-talba tieghu ghal telf ta' qligh hija nfondata u ghandha tigi michuda, bl-ispejjez kontra tieghu, li jibqa ngunt ghas-subizzjoni;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

1. **Illi s-socjeta' attrici tallega li l-ammont mertu ta' din il-procedura minnha ndikat fl-avviz odjern hu**

**dovut lilha ghaliex jammonta ghall-pagamenti zejda li l-istess socjeta' ghamlet lill-konvenuti ghall-xogholijiet li allegatament baqa' inadempjenti fuqhom;**

2. **Illi da parte tieghu l-konvenut jafferma li kien ha kuntratt ta' sub-appalt mis-socjeta' attrici permezz ta' kuntratt datat 14 t'April ta' l-1998 izda ffirmat u ghalhekk finalizzat l-ghada;**

3. **Illi meta l-konvenut beda jespleta l-inkarigu tieghu s-socjeta' attrici bdiet tbiddel ix-xogholijiet b'ritmu frekwenti u konsegwentement it-termini originali gew sfigurati;**

4. **Illi in effetti x-xogholijiet tant inbiddlu li l-kuntratt gie snaturat u hu proprju ghalhekk li l-konvenut qieghed jghamel il-kontro-talba tieghu;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi din il-qorti hi sodisfatta mill-provi, anke dokumentarji, imresqa mill-konvenut u ghaldaqstant, filwaqt li tirrespingi t-talba kontentuta fl-avviz odjern u tichad ukoll l-eccezzjonijiet tas-socjeta' attrici, tilqa' l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut u l-kontro-talba tieghu, u konsegwentement tikkundanna lis-socjeta' attrici thallas lill-konvenut Edwin Vella l-ammont ta' disa' mija u tlett Liri Maltin u tnax-il centezmu, (LM903.12,0), bl-ispejjez.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**